# San Ġorġ Preca

## kitba ta' Martin Formosa



Is-sena 2007 kienet sena speċjali għall-Knisja Maltija għaliex fiha seħħ avveniment speċjali fejn Dun Ġorġ Preca ġie ddikjarat Qaddis. Dun Ġorġ twieled fil-Belt Valletta fit-12 ta' Frar 1880. Ġorġ attenda l-iskola tal-Liċeo u wara daħal fis-seminarju. Meta kien djaknu huwa marad serjament jingħad li bl-interċessjoni ta' San Ġużepp huwa fieq. Fit-22 ta' Diċembru 1906 ġie ordnat Saċerdot. Dun Ġorġ għaraf il-bżonn kbir li kien jeżisti għat-tagħlim. Huwa kiteb regola bil-Latin sabiex jibgħata lill-Papa ta' dak iż-żmien, San Piju X. Il-ħsieb kien li jwaqqaf soċjetà ta' djakni permanenti ħalli jgħinu lill-isqfijiet fil-formazzjoni nisranija permezz tat-tagħlim.

Imma Dun Ġorġ ta bidu għal ħsieb tiegħu billi hu stess ifforma grupp ta' żgħażagħ biex dawn ikunu kapaċi jgħallmu lil ħaddieħor. Sabiex jgħinu f'din il-missjoni ġdida Dun Ġorġ għażel lil Ewġenju Borg li kien impjegat it-Tarzna. Gege sar l-ewwel Superjur Ġenerali tas-Soċjetà li twaqqfet minn Dun Ġorġ fl-1907 fil-Ħamrun. Din is-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija ġġib l-isem tal-motto tagħha, M.U.S.E.U.M li tfisser *Magister Utinam Sequator Evangeliu Universus Mundus.* Bil-Malti il-motto jfisser **Mgħallem, mhux li kien li d-dinja kollha timxi wara l-Evanġelju!**

Dun Ġorġ sab resistenza għaliex għal dak iż-żmien kienet ħaġa ġdida li l-lajċi ħaddiema joħorġu jgħallmu l-Kelma t'Alla lil lajċi oħrajn. Biss wara 25 sena l-Isqof ta' Malta approva r-Regola u s-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M. F'daqqa waħda bdew jinfetħu ħafna djar tat-tagħlim minn xi superjuri barranin fil-kappella tas-Salvatur.[1]



**Il-Każin Santa Marija mżejjen fl-okkażjoni tat-3 ta' Ġunju 2007**

Minkejja l-kwistjoni li kien hawn bejn dawk li riedu t-Taljan jew l-Ingliż bħala lingwa, Dun Ġorġ għażel li jgħallem u jikteb bil-Malti għaliex huwa rraġuna li din kienet il-lingwa li tiftiehem mill-poplu. Dun Ġorġ ġie diversi drabi fil-Qrendi meta l-qasam kien f'numru 9, Triq il-Kurat Mizzi. Huwa kien idum bil-lezzjonijiet tiegħu mhux ħażin u fl-aħħar kien jispiċċa biex ibierek il-ħelu li kien jitqassam lit-tfal preżenti.[2] Fi Frar 1935 il-Qasam tal-Qrendi organizza ħarġa għal madwar 50 tifel u dawn ittieħdu lejn is-Salib ta' l-Għolja fis-Siġġiewi. Wara li waslu qamet maltempata tal-biża' b'xita qliel u ħafna sajjetti. It-tfal stkennew kemm felħu madwar il-kappella tal-Lunzjata li hemm fil-qrib imma meta beda jidlam dawn telqu bil-mixi u għaddew minn ħafna perikoli b'ilma gliegel li seta' ġarr lil xi ħadd. F'daqqa waħda tfaċċaw tlett irġiel li bil-fanali f'idejhom urewhom it-triq u ħadd ma' weġġa'. Meta s-Superjur Emmanuel Farrugia irrakkonta din l-istorja lil Dun Ġorġ dan qallu li dawk it-tlett irġiel ma kienu bdiewa xejn imma kienu San Mikiel, San Gabriel u San Rafael.[3] Fl-10 ta' Novembru 1957 Dun Ġorġ ġie fil-Qrendi għal ftugħ tal-Qasam il-Ġdid tal-Qrendi li l-art tiegħu kienet ingħatat mill-Benefattur u wieħed mill-Fundaturi taċ-Circolo Maria Assunta Raymond Ellul. Dun Ġorġ deher ferħan ħafna f'dik l-okkażjoni u wara laqqa' lil kulħadd fil-bitħa biex ikellem lill-membri u lit-tfal li attendew.[4] Il-kariżma ta' Dun Ġorġ li jgħallem għadha ħajja u l-vokazzjonijiet fis-Soċjetà tiegħu dejjem jixhdu dan. Fi żmienu, Dun Ġorġ innifsu bagħat sitt membri biex jevanġelizzaw fl-Awstralja. Dun Ġorġ miet f'Santa Venera, fejn qatta' l-aħħar xhur ta' ħajtu, fis-26 ta' Lulju 1962. Il-fdal tiegħu jinsab midfun fil-kripta tad-Dar Ġenerali tas-Soċjetà fil-Blata l-Bajda. Fid- 9 ta' Mejju 2001 Dun Ġorġ ġie ddikjarat Beatu mill-Papa Ġwanni Pawlu II fuq il-Fosos tal-Furjana. Dun Ġorġ Preca ġie ddikjarat bħala l-ewwel Qaddis Malti mill-Papa Benedittu XVI f'ċelebrazzjoni nhar il-Ħadd 3 ta' Ġunju fil-pjazza tal-Vatikan. Madwar 5,000 Malti u Maltija kienu preżenti. L-Arċisqof Mons. Pawlu Cremona, l-Arċisqof Emeritus Ġużeppi Mercieca u l-Isqof t'Għawdex Mario Grech kienu fost dawk li ċċelebraw fil-Quddiesa Pontifikali flimkien mal-Papa.

[1] LUIGI PACE - Tifkirieti fil-M.U.S.E.U.M. tal-Qrendi 1929-2002, (2003), P.1

[2] *Ibid,* P.3

[3] *Ibid,* P.4

[4] SOĊJETÀ MUŻIKALI SANTA MARIJA - QRENDI, Festa 2001, Soċju tal-MUSEUM, P.99